# Primary HealthCare

# Rapport Annwali

# 2021

## INTRODUZZJONI

Bħas-snin ta' qabel, fl-2021 il-Primary HealthCare (PHC) rnexxielha tkompli tavvanza fis-servizzi u fl-iżvilupp taċ-Centri tas-Saħħa u taċ-ċentri fil-komunita`; dan meta wieħed jikkunsidra l-isfidi kollha li kellha tħabbat wiċċha magħhom waqt li l-pandemija tal-COVID-19. Madankollu l-PHC kompliet ittejjeb l-ekwità, l-effiċjenza, l-effettività, ir-rispons u l-kwalita` tas-sistemi tas-saħħa fil-qasam tal-kura primarja b'viżjonjiet li jsarrfu fi strateġiji fejn il-bżonnijiet tal-pazjenti jkunu fiċ-ċentru ta' kollox.

## XOGĦLIJIET LI TLESTEW – Kliniċi fil-Komunita'

1. Marzu - Klinika ġewwa l-Gudja.
2. Ġunju - Klinika ġewwa Marsaxlokk.
3. Awwissu – Klinika ġewwa l-Kalkara.
4. Settembru - Klinika ġewwa l-Belt Valletta.
5. Novembru - Klinika ġewwa Santa Luċija.

### Dettalji

1. Fit-2 ta' Marzu ġiet inawgurata u miftuħa klinika fil-komunita' ġdida ġewwa l-Gudja wara li ġiet modernizzata biex issa qed taqdi l-bżonnijiet ta' 3,200 resident. F'din il-klinika ntefqu €12,000, mill-fondi tan-*National Development Social Fund* (NDSF) li fiha issa qed jingħataw dawn is-servizzi: servizz ta' tabib tal-Familja, servizz ta' *Well Being Clinc* immexxijja minn infermiera, servizz ta' kura tar-riġlejn (Podjatrija), servizz tat-Taħdit u Lingwa (*Speech and Language*), servizz ta' Fiżjoterapista u dak tat-teħid tad-demm minn flebotomista.
2. Fis-17 ta' Ġunju ġiet inawgurata klinka fil-komunita` ġdida ġewwa Marsaxlokk fuq medda ta' 180 $m^3$ u tinkorpora sitt kliniċi differenti u faċilitajiet oħra importanti. B'hekk din il-klinika qed ittaffi l-iskariġġ tal-pazjenti li jigħxu n-naħa t'isfel nett ta' Malta milli jkollhom jivvjaġġaw sa' Rahal Ġdid. Fost dawn is-servizzi hemm dak ta' tabib tal-familja u ta' klinika immexxija minn infermiera, servizz tal-kura tar-riġlejn (Podjatrija), servizz tat-Taħdit u Lingwa (*Speech and Language*) u dak tat-teħid tad-demm minn flebotomista, *Dietician*, fiżjoterapija u kura tas-saħħa mentali.
3. Fl-24 ta' Awwissu ġiet miftuħa klinka fil-komunita` ġdida ġewwa l-Kalkara. Din il-klinika ġdida u arjuża toffri sitt servizzi oħra li permezz tagħhom nilħqu ċ-ċittadin u nressqu s-servizz eqreb lejn daru. Dawn is-servizzi huma dak ta' tabib tal-familja u ta' klinika mmexxija minn infermiera, servizz tal-kura tar-riġlejn (Podjatrija), servizz tat-Taħdit u Lingwa (*Speech and Language*), fiżjoterapija u kura tas-saħħa mentali.
4. Fit-28 ta' Settembru lestejna u ġiet inawgurata klinika ġdida fil-komunita` tal-Belt Valletta b'apparat u għamara moderna kif jixraq liċ-ċittadini Beltin. Din il-Klinika fil-Komunita` qed toffri is-servizz ta' tabib tal-familja u infermiera, servizz tal-kura tar-riġlejn (Podjatrija), servizz tat-Taħdit u Lingwa (*Speech and Language*) u dak tat-teħid tad-demm minn flebotomista. Dan huwa pass ieħor biex nersqu aktar bis-servizzi tagħna lejn il-lokalta' taċ-ċittadin u b'hekk is-

servizzi li noffru jkunu milħuqa aktar, speċjalment mill-anzjani. Barra minn hekk qed nilħqu lill-pazjent aktar kmieni fil-marda tiegħu.

5. Fit-12 ta' Novembru ġiet inawgurata u miftuħa klinika fil-komunità ta'Santa Luċija wara li ġiet rinovata mill-ġdid. Apparti servizz ta' tabib u infermier, f'din il-klinika bdew jiġu offruti tliet servizzi ġodda: dawk tal-podjatrija, fiżjoterapija u terapija tat-Taħdit u l-Lingwa.

## Servizzi Ġodda Kbar

1. Fis-26 ta' Marzu ġie inawgurat Centru ġdid tat-*Telemedicine Client Support* ġewwa l-Mosta Technopark. B'dan iċ-ċentru ġdid, fejn hu possibli, il-pazjent ikun jista' jiġi kkurat minn ġewwa daru stess permezz ta' *video camera* bejnu u bejn it-tabib. B'hekk il-pazjent qed jiġi milħuq mid-daru u b'hekk anke l-kjus fiċ-ċentri tas-saħħa naqsu. B'dan il-mod tnaqqqas ukoll it-tixrid ta' mard.
2. Fil-21 ta' April ġie inawgurat Centru ta' Eċċellenza ġdid, dak fil-Podjatrija biex b'hekk għaqqadna t-tielet ċentru ta' eċċellenza fil-*Primary HealthCare*. It-tnejn l-oħra huma dawk fil-kura ta' l-għajnejn u dak fil-Lingwa u t-Taħdit. Dan kien pass ieħor fil-*Primary HealthCare* biex nilħqu mal-impenn tagħna li noffru servizzi ta' eċċellenza fil-komunita`.

## Proġetti li baqgħu għaddejjin tul l-2021

Il-PHC kompliet tinvesti fl-infrastruttura, f'apparat u f'bini modern u taħriġ lill-impjegati kollha sabiex ittejjeb l-aċċessibilta`, il-kura u l-kwalita` tas-servizzi tagħha. Għaldaqstant ix-xogħlijiet ta` tiġdid fiċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Kliniċi fil-Komunita` komplew matul is-sena sabiex jiżdiedu s-servizzi ta' kwalita` lill-poplu Malti. Dawn huma -

1. Tkompla ix-xogħol fuq l-imodernizzar taċ-Ċentru tas-Saħħa ġewwa l-Gzira li jinsab fi stat avvanzat.
2. Sar ftehim mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, biex klinika komunitarja ġdida tiġi nkluża fil-binja. Preżentament għaddejjin l-aħħar fażijiet tax-xogħol, u huwa mistenni li l-klinika tibda topera fl-ewwel kwart tas-sena 2022.
3. Tkompliet il-kostruzzjoni tal-*Hub* Censu Moran, ġewwa Raħal Ġdid.
4. Tkompla x-xogħol fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex.
5. Ġie identifikat is-sit li fuqu sejjer jinbena il-*Hub* il-ġdid għan-naħa ta' fuq ta' Malta u bdew il-proċessi preliminarji u legali fuq dan is-sit.

## Akkwisti u Xoghlijiet Ohra

- Minn Jannar 2021, bdiet tingħata it-tilqima l-ACWY kontra l-Meningite lit-tfal fir-raba' sena fl-iskejjel sekondarji tal-istat u tal-knisja.
- Tkompliet il-kampanja kontra l-COVID-19 bil-programm intensiv tal-vaċċin fejn bdiet tingħata wkoll id-doża *booster*. Mill-ispeżeriji tal-Primary HealthCare ġew ippreparati u mqassmin

350,000 vaċċin tal-COVID biex ingħataw minn ġewwa l-*Community Clinics* (Bereg) f'Malta u Għawdex.

- F'Lulju 2021 bdiet klinika ġdida – *Parent Baby Support Clinic* (PBSC). F'dan is-servizz noffru għajnuna lill-ġenituri ġodda matul l-ewwel ġimgħat ta' wara l-ħlas. Minn Lulju sa' Diċembru saru total ta' 455 appuntament li minnhom attendew 354.
- F'Ottubru tnieda il-proġett pilota biex jibda jingħata s-servizz tal-Lingwa u d-Diskors fl-iskejjel tal-Knisja. Dan il-proġett kien suċċess u bdew id-diskussjonijiet biex dan is-servizz jiġi estiż f'aktar skejjel tal-Knisja.
- Bħal kull sena, fil-25 ta' Ottubru, il-Primary HealthCare b'kollaborazzjoni mad-Dipartinment tas-Saħħa Publika, nediet it-tilqima kontra l-influwenza staġjonali lil dawk kollha 'l fuq minn 55 sena u liċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli. Tlett ġimgħat wara, il-vaċċin beda jingħata lill-pubbliku inġenerali.
- Fl-Oftalmologija, għalkemm kellna it-tluq mill-impjieg ta' diversi speċjalisti f'dan il-qasam, xorta komplejna intejbu s-servizz tagħna billi fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid bdilna l-magna tal-*Visual Fields* ma' waħda ġdida u poġġejna magna oħra ġdida għall-pazjenti li jbatu bid-dijabete u li jkollhom bzonn *diabetic retinopathy screening* ta' kull sena. Biddilna wkoll il-*visual acuity monitor* fiċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, Ħal-Qormi, Raħal Ġdid, u l-Gżira u poġġejna wkoll set li jikkonsisti f'*Ophthalmoscope* u *retinoscope* fl-imsemija ċentri.
- F'Lulju, fil-qasam tal-fiżjoterapija, tnediet sistema ġdida ta' *'Self-Referral'* fiċ-ċentri tas-saħħa u l-bereġ kollha. B'hekk il-pazjent m'għandux għalfejn jirrikorri għand it-tabib biex jiġi irreferut għand fiżjoterapista. Dan naqqas ħafna xogħol u dewmien ta' stennija.
  F'dan il-qasam ukoll, reġaw imbdew il-kliniċi wara' nofsinhar u l-klassijiet tal-eżerċizzji.
- Ittellgħet b'suċċess il-11-il Konferenza ta' kull sentejn mil-Primary HealthCare bit-tema *'Towards Excellence and Beyond'*
- Fil-*Unit* tan-Nutrizzjoni attendew169 klijent biex jitilfu il-piż li minnhom 107 temmew il-programm kollu b'suċċess. F'Diċembru tnieda t-tieni ktieb tar-riċetti mis-serje '*My Healthy Recipe Book'*
- Il-Primary HealthCare kienet ir-rebbieħha fl-*eBusiness Awards* għal-*Best use of Technology in Business Transformation* bil-proġett tal-EPR (*Electronic Patient Record*): *'Moving away from Paper-Based patient records, towards an integrated Electronic Patient Record IT system'*
- Is-sena 2021 rat ukoll lill-Primary Health Care jiġi t-tieni f-*'The National Supporting Business Awards 2021'*
- Il-Primary HealthCare ġiet ippreżentata wkoll b'żewġ *awards* prestiġjuzi waqt *Malta Healthcare Awards* 2021, organizzat mill-*Malta Business Review*. L-ewwel award jagħraf il-kontribut qawwi li l-Primary HealthCare tat fil-kura primarja tas-saħħa waqt li t-tieni award kien dak li jirrikonoxxi l-Primary HealthCare bħala *The Rising Star of the Year*! (l-Istilla Bikrija tas-Sena).

- Waqt il-Malta's Best Entrepreneur of the Year Awards 2020, is-CEO tal-Primary HealthCare, giet ippremjata tliet *awards* prestiġjużi: il-*Healthcare Entrepreneur of the Year Award*, iċ-*Chairman's Value Award* u l-*MALTCO Lotteries Lifetime Achievement Award*.

- Is-CEO tal-Primary HealthCare ġiet magħżula bħala l-*Ħaddiem Nazzjonali tas-Sena 2021* f'ċerimonja mtella apposta taħt il-partonċinju tal-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta. Il-premju prestiġjuż jirrikonoxxi l-motivazzjoni, ir-reżiljenza, it-tmexxija għaqlija, l-impenn u s-sehem tal-ħaddiema tagħna.

## KONKLUŻJONI

Is-sena 2021 kienet sena oħra ta` suċċess kbir għall-Primary HealthCare. Sena ta' ġid u żviluppi ġodda fil-qasam tas-saħħa primarja għal-komunita` Maltija. Kienet wkoll sena oħra diffiċli minħabba l-pandemija tal-COVID-19 biss xorta waħda ħsadna l-frott fost it-tbatijiet u sagrifiċċji. Dan kien possibbli permezz tas-sistemi ġodda li daħħalna marbuta l-aktar mal-informatika u d-determinazzjoni sħiħa tal-ħaddiema kollha tagħna li kienu dejjem lesti biex jilqgħu l-isfidi li l-pandemija ġabet magħha. Ħdimna bla waqfien sabiex inkunu nistgħu nkomplu naqdu dmirna bl-aħjar mod possibbli u nkomplu noffru servizz f'waqtu u tal-ogħla livell ta' kwalita', kif ukoll komplejna nersqu aktar qrib tal-klijenti tagħna fil-komunita' jew viċin tal-post tax-xogħol tagħhom.